
Industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR u prestazzjoni ekonomika fl-Unjoni Ewropea

Rapport ta' Analiżi fil-Livell tal-Industrija, Settembru 2019
It-tielet edizzjoni

Proġett konġunt bejn l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi u
l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea



Kelmtejn ta' qabel

L-innovazzjoni hija komponent ewlieni tal-istrateġija ta' tkabbir adottata mill-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Membri tagħha, kif ukoll ħafna pajjiżi oħra. L-għan huwa li tinholq ekonomija aktar kompetittiva b'livell ogħla ta' impjegi. L-ilħuq ta' dan l-għan jiddependi fuq bosta fatturi differenti, iżda sistema effiċjenti ta' drittijiet ta' proprjetà intellettuali (IPR) bla dubju hija kklassifikata fost dawk l-aktar importanti, minħabba l-kapaċità li l-IP (proprjetà intellettuali) għandha biex tinkoraġġixxi l-kreattività u l-innovazzjoni fl-ekonomija kollha.

Bi tweġiba għal dan il-bżonn ċar li dawk li jfasslu l-politika u l-pubbliku jingħataw informazzjoni preċiża, l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) u l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi (UEP) għaqqu l-forzi tagħhom fl-2013 biex iwettqu studju li kkwantifika l-kontribuzzjoni ekonomika li saret lill-ekonomija tal-UE mill-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR.

Dan l-istudju issa ġie aġġornat għat-tieni darba, li juri li fil-perjodu ta' intervent l-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR saru saħansitra aktar integrali għall-PDG, għall-impjegi u għall-kummerċ fl-Ewropa.

L-Ewropa diġà għandha tradizzjoni twila li tteġġeg il-kreattività u l-innovazzjoni: l-Istati Membri kemm tal-UE kif ukoll tal-Organizzazzjoni Ewropea tal-Privattivi kellhom rwol importanti fit-tfassil ta' sistema moderna u bbilanċjata tal-IPR (dritt ta' proprjetà intellettuali) li mhux biss tiggarrantixxi lill-innovaturi l-premjura dovut lillhom iżda tistimula wkoll suq kompetittiv. Fid-dinja tal-lum ta' swieq li qed isiru dejjem aktar globalizzati u l-ekonomija tal-għarfien, huwa vitali li jiġi żgurat li din is-sistema tibqa' effettiva għall-implimentazzjoni ta' politiki ġodda ta' innovazzjoni. Biex inkunu mgħejjuna f'dak il-kompitu, huwa essenzjali li d-dibattitu dwar ir-rwol tal-IP fl-appoġġ għall-innovazzjoni u l-kreattività jkun ibbażat fuq evidenza soda.

L-ewwel studju konġunt, imwettaq fl-2013, wera li l-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR, jammontaw għal 39 % tal-produzzjoni ekonomika tal-UE u 26 % tal-impjegi matul il-perjodu tal-2008-2010, u dan jafferma l-valur tal-IP għall-ekonomija Ewropea. L-istudju ġie ripetut fl-2016, li jkopri l-perjodu bejn l-2011 u l-2013, u wera li, anke matul kriżi finanzjarja serja u reċessjoni f'ħafna mill-Ewropa, is-setturi li jagħmlu użu intensiv mill-IPR kampaw aħjar mal-kundizzjonijiet diffiċli milli għamlet il-bqija tal-ekonomija.

Biex tissalvagwardja l-valur fit-tul tal-istudju, it-tielet edizzjoni tinkludi elementi ġodda li jipprovdu ħarsa ġenerali mtejba b'mod sostanzjali tas-sitwazzjoni tal-industriji tal-IPR fl-Ewropa. L-ewwel nett, it-tqabbil tal-bażijiet tad-*data* użat biex jiġu identifikati l-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR ġie mġedded mill-ġdid, u dan irriżulta f'lista aġġornata tas-setturi kkonċernati. It-tieni nett, ir-rapport jaqbel mal-enfasi kontemporanja ta' dawk li jfasslu l-politika fl-Ewropa u lil hinn minnha, b'kapitolu speċifiku dwar l-importanza ekonomika ta' teknoloġiji ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (CCMTs) u s-setturi tat-teknoloġija tal-informazzjoni li qed imexxu r-Raba' Rivoluzzjoni Industrijali (4IR). Fl-aħħar nett, minbarra li jipprovdi *data* għall-Istati Membri tal-UE, dan ir-rapport jinkludi wkoll informazzjoni għall-Iżlanda, in-Norveġja u l-Iżvizzera.

Din l-edizzjoni l-ġdida tar-rapport turi li l-ishma ta' dawn l-industriji fl-impjegi tal-UE u l-PDG huma ogħla milli fl-istudju tal-2016, u tikkonferma ċ-ċentralità dejjem tiżdied tal-assi intellettuali fl-ekonomiji moderni.

Dawn huma sejbiet sinifikanti li jservu biex jenfasizzaw aktar il-kontribut tal-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR għall-prosperità u l-kompetittività tal-Ewropa. Mgħammra b'dan l-istudju aġġornat, aħna nittamaw li l-qarrejja jistgħu jibbażaw fuq din l-informazzjoni biex jiżguraw il-qawwa kontinwa

mhux biss tas-sistema tal-proprjetà intellettwali tagħna, iżda wkoll tal-ekonomija Ewropea li fiha instab li għandha parti vitali bħal din.



Christian Archambeau
Direttur Eżekuttiv, EUIPO



António Campinos
President, UEP

Tim tal-Proġett Konġunt

EUIPO

Nathan Wajzman, Kap tal-Ekonomisti
Michał Kazimierzak, Ekonomista
Carolina Arias Burgos, Ekonomista
Francisco García Valero, Ekonomista

UEP

Yann Ménière, Kap tal-Ekonomisti
George Lazaridis, Ekonomista
Ilja Rudyk, Ekonomista
Karin Terzic, Assistenta

Rikonoxximenti

Matul it-tnejn ta' dan ir-rapport, waslu input u *data* utli mill-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO).

L-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea - il-Eurostat - u l-uffiċċji tal-istatistika ta' Spanja, l-Iżvizzera u r-Renju Unit ipprovdeu għajnuna siewja sabiex jimtlew il-lakuni fl-istatistika ppubblikata.

L-awturi huma wkoll grati għall-kummenti dwar l-abbozz tar-rapport minn għadd ta' servizzi tal-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll minn Hansueli Stamm u Eiman Maghsoodi tal-Istitut Federali tal-Propjetà Intellettwali Żvizzeru u Catalina Martínez tal-Kunsill Nazzjonali tar-Riċerka Spanjol (CSIC).

Dwar dan l-istudju

Wieħed mill-mandati tal-EUIPO permezz tal-Osservatorju Ewropew dwar il-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali (“l-Osservatorju”)¹ tiegħu, huwa li jipprovdri *data* bbażata fuq l-evidenza dwar l-impatt, ir-rwol u l-perċezzjoni pubblika ta’ proprjetà intellettwali fl-ekonomija tal-Unjoni Ewropea (UE). Sabiex jintlaħaq dan l-oġettiv, l-Osservatorju qed iwettaq programm ta’ studji soċjoekonomiċi.

Bl-istess mod, il-Pjan Strateġiku 2023 tal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi (UEP) jagħti prijorità lill-kondotta ta’ studji ekonomiċi biex tiġi sodisfatta d-domanda li qed tiżdied fost il-partijiet interessati għal aktar għarfien dwar l-impatt tas-sistema Ewropea tal-privattivi u l-iżvilupp tagħha.

Dan ir-rapport, imfassal bħala proġett konġunt bejn l-EUIPO u l-UEP, u li jibbenefika minn input minn uffiċċji tal-IP oħrajn, servizzi tal-Kummissjoni Ewropea u organizzazzjonijiet internazzjonali, huwa t-tielet studju ewlieni li jirriżulta minn din il-kollaborazzjoni, li jsegwi l-ewwel studju ppubblikat miż-żewġ uffiċċji fl-2013² u aġġornament maħruġ fl-2016.³ Dan jimmira li jipprovdri valutazzjoni aġġornata tal-kontribut ikkombinat ta’ industriji li jagħmlu użu intensiv mit-tipi varji tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (IPRs) għall-ekonomija tal-UE kollha kemm hi, kif ukoll għal dawk tal-pajjiżi Ewropej individwali. Għalkemm dan ir-rapport jikkwantifika l-kontribut kollettiv tal-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR, huwa ma jiddikjarax li juri relazzjonijiet kawżali bejn id-drittijiet tal-IP u l-varjabbli ekonomiċi.

L-istudju jkopri firxa wiesgħa ta’ drittijiet tal-IP⁴ — trademarks, privattivi, disinni, drittijiet tal-awtur, indikazzjonijiet ġeografiċi (GIs) u drittijiet fuq varjetà ta’ pjanta (PVRs) — u jqis varjetà ta’ indikaturi ekonomiċi, b’mod partikolari l-prodott domestiku gross (PDG), l-impjiegi, il-kummerċ estern u l-pagi. Ma jagħmel l-ebda rakkomandazzjoni ta’ politika, peress li dan mhuwiex fil-kamp ta’ applikazzjoni tiegħu. Minflok, huwa mfassal biex jipprovdri evidenza li tista’ tintuża minn dawk li jfasslu l-politika fil-ħidma tagħhom, u jservi bħala bażi għaż-żieda fis-sensibilizzazzjoni tal-IP madwar l-Ewropa.

L-istudju tal-2013 kopra l-perjodu tal-2008-2010, u l-aġġornament tal-2016 kopra l-perjodu tal-2011-2013. L-istudju kurrenti jkopri l-perjodu tal-2014-2016. Sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà bejn it-tliet studji, intużat l-istess metodoloġija bħal ta’ qabel. Madankollu, sar għadd ta’ titjib fir-rigward tad-*data* sottostanti u l-metodoloġija. B’mod partikolari, l-eżerċizzju ta’ tqabbil użat biex jiġu identifikati industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR, ġie aġġornat biex jiġi żgurat li l-għażla tirrifletti l-iżviluppi reċenti. Barra minn hekk, biex tiġi kkomplementata d-*data* għall-Istati Membri tal-UE, l-Iżlanda, in-Norveġja u l-Iżvizzera ġew inklużi f’dan l-istudju.

Minħabba l-fokus dejjem jiżdied ta’ dawk li jfasslu l-politika u l-mexxejja tan-negozju fl-Ewropa u lil hinn minnha fuq l-iżvilupp ta’ teknoloġiji biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima, kapitolu dwar l-importanza ekonomika ta’ teknoloġiji ta’ mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (CCMTs) ġie miżjud fl-istudju tal-2016 u ġie aġġornat għall-edizzjoni preżenti. F’dan il-kapitolu, il-piż ekonomiku ta’ industriji involuti fl-iżvilupp ta’ dawn it-teknoloġiji huwa analizzat f’aktar dettall, abbażi tad-*data* dwar l-applikazzjonijiet għall-

¹ L-Osservatorju ġie ttrasferit għall-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (OHIM) skont ir-Regolament (UE) Nru 386/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ April 2012, li daħal fis-seħħ fil-5 ta’ Ġunju 2012. L-OHIM ingħata l-isem ġdid tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2015/2424 fit-23 ta’ Marzu 2016. Tul dan ir-rapport ħliet fir-referenzi biblijografiċi, jintuża l-isem il-ġdid tiegħu.

² OHIM/UEP: “Intellectual property rights intensive industries: contribution to economic performance and employment in the European Union” (Industriji intensivi fid-drittijiet ta’ proprjetà intellettwali: kontribut għall-prestazzjoni ekonomika u l-impjiegi fl-Unjoni Ewropea), Settembru 2013.

³ UEP/EUIPO: “Intellectual property rights intensive industries and economic performance in the European Union” (Industriji li jagħmlu użu intensiv mid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-prestazzjoni ekonomika fl-Unjoni Ewropea), EUIPO/UEP, Ottubru 2016.

⁴ L-“IP” normalment hija, iżda mhux dejjem, riżultat ta’ innovazzjoni. Madankollu, hija terminu usa’ minn “IPR”, peress li din tinkludi tipi oħrajn ta’ għarfien, bħal sigrietu kummerċjali u metodi tan-negozju. F’dan l-istudju, it-terminu “IPR” jintuża biex jirreferi għas-sitt drittijiet inklużi fl-analiżi: privattivi, trademarks, disinni rreġistrati, drittijiet tal-awtur, indikazzjonijiet ġeografiċi u drittijiet fuq varjetà ta’ pjanta.

privattivi fl-UEP. Barra minn hekk, f'dan ir-rapport ġiet introdotta taqsima ġdida dwar ir-Raba' Rivoluzzjoni Industrijali (4IR), ibbażata wkoll fuq *data* dwar il-privattivi, biex jitqies l-impatt kbir tat-trasformazzjoni diġitali f'firxa wiesgħa ta' industriji.

Sommarju Eżekuttiv

Sejbiet ewlenin

- Issa hemm 353 industrija li jagħmlu użu intensiv mill-IPR fl-ekonomija tal-UE, meta mqabbla mat-342 identifikati fl-istudju preċedenti (tal-2016). Bejn wieħed u ieħor żewġ terzi ta' dawn l-industriji għandhom użu intensiv fir-rigward ta' aktar minn dritt wieħed tal-IP.
- L-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR iġġeneraw 29.2 % tal-impjiegi kollha fl-UE matul il-perjodu tal-2014-2016. Bħala medja matul dan il-perjodu, huma impjegaw kważi 63 miljun ruħ fl-UE. Barra minn hekk, ġew iġġenerati 21 miljun impjieg f'industriji li jipprovdu prodotti u servizzi lill-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR. Meta jitqiesu l-impjiegi indiretti, in-numru totali ta' impjiegi li jiddependu mill-IPR jittla' għal 83.8 miljun (38.9 %).
- Matul l-istess perjodu, l-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR iġġeneraw kważi 45 % tal-attività ekonomika totali (PDG) fl-UE, li tiswa EUR 6.6 triljun. Dawn kienu responsabbli wkoll għal ħafna mill-kummerċ tal-UE mal-bqija tad-dinja u iġġeneraw surplus kummerċjali, u b'hekk għenu jżommu l-kummerċ estern tal-UE b'bilanċjat b'mod wiesa'.
- L-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR iħallu pagi ferm ogħla minn industriji oħrajn, bi primjum tal-paga ta' 47 % fuq industriji oħrajn. Dan huwa konsistenti mal-fatt li l-valur miżjud għal kull ħaddiem huwa ogħla f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR minn f'kull post ieħor fl-ekonomija.
- Tqabbil tar-riżultati ta' dan l-istudju ma' dawk tal-edizzjoni tal-2016 juri li l-kontribuzzjoni relattiva tal-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR għall-ekonomija tal-UE żdiedet bejn iż-żewġ perjodi 2011-2013 (l-istudju tal-2016) u 2014-2016 (l-istudju kurrenti), anke wara li tqieset il-bidla fl-għadd ta' industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR.
- Fost l-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR, il-piż ekonomiku tal-industriji involuti fl-iżvilupp ta' teknoloġiji ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (CCMTs) u dawk relatati mar-Raba' Rivoluzzjoni Industrijali (4IR) żdied f'dawn l-aħħar snin. L-industriji ta' CCMT ammontaw għal 2.5 % tal-impjiegi u 4.7 % tal-PDG fl-UE fl-2014-2016, filwaqt li s-setturi tal-4IR kienu jammontaw għal 1.9 % tal-impjiegi u 3.9 % tal-PDG matul l-istess perjodu.
- Għall-ewwel darba, ir-riżultati komparabbli dwar il-kontribut tal-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR fir-rigward tal-PDG u l-impjiegi huma wkoll murija għall-Iżlanda, in-Norveġja u l-Iżvizzera. Il-kontribuzzjoni tal-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR għall-PDG kienet ogħla mill-medja tal-UE fin-Norveġja, iżda inqas minnha fl-Iżlanda u fl-Iżvizzera. Il-kontribuzzjoni għall-impjiegi kienet daqs jew ogħla mill-medja tal-UE fl-Iżlanda u fl-Iżvizzera, iżda inqas minnha fin-Norveġja.

Industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR fl-ekonomija tal-UE

L-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR⁵ huma definiti bħala dawk li għandhom sjieda ogħla mill-medja⁶ tal-IPRs għal kull impjegat, meta mqabbla ma' industriji oħrajn li jużaw l-IPR. Fil-prinċipju, dan ifisser li industrija hija identifikata bħala intensiva fl-IPR fl-UE jekk għal mill-inqas wieħed mid-drittijiet tal-IP li jkun qed jitqies, in-numru ta' dawk l-IPRs għal kull impjegat jaqbeż il-medja tal-

⁵ Ara l-Kapitolu 5 dwar il-metodoloġija. Minħabba n-natura partikolari tad-drittijiet tal-awtur, il-GIs u l-PVRs, kellhom jiġu applikati approċċi differenti għalihom.

⁶ F'dan ir-rapport, l-espressjonijiet l-"użu tal-IPRs" u s-"sjieda tal-IPRs" jintużaw b'mod interkambjabbli u għandhom jinftehemu li jirreferu għas-sjieda tal-IPRs fil-każijiet kollha.

industriji kollha tal-UE li jagħmlu użu mill-istess dritt tal-IP. Kif muri fil-Kapitoli 6 u 7, dawn l-industriji huma kkonċentri fis-setturi tal-manifattura, tat-teknoloġija u tas-servizzi tan-negozju.

Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li sa ċertu punt, ħafna mill-industriji jużaw id-drittijiet tal-IP flimkien. Billi jiffoka b'mod esklussiv fuq l-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR, dan l-istudju jkopri dik il-parti mill-ekonomija Ewropea li fiha d-drittijiet tal-IP huma l-aktar prominenti.⁷

Il-kontribut ta' industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR għaż-żewġ indikaturi ekonomiċi ewlenin - l-impjeg u r-riżultat - huwa miġbur fil-qosor fit-Tabelli 1 u 2.^{8,9}

L-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR juru li ġġeneraw 29.2 % tal-impjegi kollha fl-UE matul il-perjodu tal-2014-2016, bi 22 % f'industriji li jagħmlu użu intensiv mit-trademarks, 14 % f'industriji li jagħmlu użu intensiv mid-disinni, 11 % f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-privattivi, 5.5 % f'industriji li jagħmlu użu intensiv mid-drittijiet tal-awtur, u proporzjonijiet iżgħar f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-GI u mill-PVR.¹⁰ Bħala medja, matul dan il-perjodu, ġew impjegati kważi 63 miljun Ewropew minn industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR, minn figura ta' impjeg totali ta' madwar 216-il miljun. Minbarra l-kontribut dirett tagħhom għall-impjegi, l-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR jiġġeneraw ukoll impjegi f'industriji oħrajn li ma jagħmlux użu intensiv mill-IPR li jipprovduhom prodotti u servizzi bħala inputs għall-proċessi ta' produzzjoni tagħhom BI-użu ta' tabelli input-output tal-UE¹¹ ippubblikati mill-Eurostat, huwa possibbli li jiġi kkalkulat dan l-effett indirett fuq l-impjegi f'industriji li ma jagħmlux użu intensiv mill-IPR. Meta jitqies dan l-effett indirett, in-numru totali ta' impjegi dipendenti fuq l-IPR jitle' għal kważi 84 miljun (38.9 %).

Ir-riżultati huma miġbura fil-qosor fit-Tabella 1, li turi tqassim skont impjegi diretti u indiretti.

Tabella 1: Kontribut dirett u indirett ta' industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR għall-impjegi, medja tal-2014-2016

Industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR	Impjeg (dirett)	Sehem mill-impjeg totali (dirett)	Impjeg (dirett+indirett)	Sehem tal-impjeg totali (dirett+indirett)
Użu intensiv mit-trademarks	46 700 950	21.7 %	65 047 936	30.2 %
Użu intensiv mid-disinni	30 711 322	14.2 %	45 073 288	20.9 %
Użu intensiv mill-privattivi	23 571 234	10.9 %	34 740 674	16.1 %
Użu intensiv mid-drittijiet tal-awtur	11 821 456	5.5 %	15 358 044	7.1 %
Użu intensiv mill-GI	n/a	n/a	399 324	0.2 %
Użu intensiv mill-PVR	1 736 407	0.8 %	2 618 502	1.2 %
L-użu kollu intensiv mill-IPR	62 962 766	29.2 %	83 807 505	38.9 %
Impjegi totali tal-UE			215 520 333	

Nota: Minħabba l-użu li jikkoinċidi tad-drittijiet tal-IP, it-total ta' ċifri għall-IPRs individwali jaqbeż iċ-ċifra totali tal-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR.

⁷ L-industriji identifikati f'dan ir-rapport bħala dawk li jagħmlu użu intensiv mill-IPR kienu jammontaw għal 73 % tat-Trademarks tal-Unjoni Ewropea (EUTMs), 83 % tad-disinni Komunitarji Rreġistrati (RCDs), 86 % tal-privattivi Ewropej u 96 % tad-Drittijiet ta' Varjetajiet ta' Pjanti fil-Komunità rreġistrati matul il-perjodu kopert.

⁸ Sabiei jitnaqqas l-impatt fuq il-lakuni tad-data fl-istatistika ekonomika u jiġi evitat l-għoti ta' importanza bla bżonn lil sena parikolari, l-indikaturi ekonomiċi ġew ikkalkulati bħala medja għas-snin 2014-2016.

⁹ Għandu jiġi nnutat li l-ishma fil-PDG u l-impjegi murija ma jirriflettux neċessarjament il-grad sa fejn pajjiż huwa innovattiv, iżda pjuttost l-importanza ta' dawn l-industriji fl-ekonomija tiegħu.

¹⁰ Il-kontribuzzjoni totali ta' industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR hija inqas mis-somma tal-kontribuzzjonijiet individwali ta' industriji li jagħmlu użu intensiv mit-trademarks, mill-privattivi, mid-disinn, mid-drittijiet tal-awtur, mill-PVR u mill-GI għaliex ħafna industriji huma intensivi fir-rigward ta' aktar minn dritt wieħed tal-IP. Madankollu, il-metodoloġija tal-istudju tiżgura li m'hemm l-ebda għadd doppju tal-kontribuzzjonijiet tal-industrija.

¹¹ It-tabelli input-output juru l-fluss tal-prodotti u s-servizzi bejn l-industriji kollha fl-ekonomija.

Apparti l-impjegi, l-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR jikkontribwixxu għall-produzzjoni ekonomika, kif imkejje mill-prodott domestiku gross (PDG). It-Tabella 2 turi, li b'mod ġenerali, kważi 45 % tal-PDG tal-UE huwa ġġenerat f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR, b'industriji li jagħmlu użu intensiv mit-trademarks jammontaw għal 37 %, industriji li jagħmlu użu intensiv mid-disinni jammontaw għal 16 %, industriji li jagħmlu użu intensiv mill-privattivi jammontaw għal 16 %, industriji li jagħmlu użu intensiv mid-drittijiet tal-awtur jammontaw għal 7 % u industriji li jagħmlu użu intensiv mill-GI u l-PVR jammontaw għal proporzjonijiet iżgħar. Il-Kapitolu 7 jipprovdi tqassim aktar dettaljat tal-kontribuzzjonijiet ta' dawn l-industriji għall-ekonomija nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE kif ukoll għat-tliet pajjiżi li mhumiex membri tal-UE inklużi f'dan l-istudju.

Tabella 2: Kontribut ta' industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR għall-PDG, medja tal-2014-2016

Industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR	Valur miżjud/PDG (EUR miljun)	Sehem tat-total tal-PDG tal-UE
Użu intensiv mit-trademarks	5 447 857	37.3 %
Użu intensiv mid-disinni	2 371 282	16.2 %
Użu intensiv mill-privattivi	2 353 560	16.1 %
Użu intensiv mid-drittijiet tal-awtur	1 008 383	6.9 %
Użu intensiv mill-GI	20 155	0.1 %
Użu intensiv mill-PVR	181 570	1.2 %
L-użu kollu intensiv mill-IPR	6 551 768	44.8 %
PDG tal-UE totali:	14 621 518	

Nota: Minħabba l-użu li jikkoinċidi tad-drittijiet tal-IP, it-total taċ-ċifri għall-IPRs individwali jaqbeż iċ-ċifra totali tal-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR.

Tqabbil tar-riżultati ta' dan l-istudju ma' dawk tal-edizzjoni tal-2016 juri li l-kontribuzzjoni ta' industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR għall-ekonomija tal-UE kienet oġġla fil-perjodu tal-2014-2016 milli fl-2011-2013. Madankollu, it-tqabbil jikkomplika ruħu bil-fatt li ċerti komponenti ewlenin tas-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali (ESA) użati mill-Eurostat ġew aġġornati bejn dawn iż-żewġ perjodi. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li dan l-istudju jirrifletti l-istruttura attwali tal-ekonomija tal-UE, l-eżerċizzju ta' tqabbil użat biex jiġu identifikati industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR ġie aġġornat, li rriżulta f'żieda fl-għadd ta' dawn l-industriji minn 342 fl-istudju tal-2016 għal 353 f'dan l-istudju. Dawn l-aġġornamenti kellhom l-effett li jżidu l-kontribuzzjoni għall-PDG u l-impjegi tal-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR. Fit-Tabella 3, iċ-ċifri tal-2011-2013 ġew ikkalkolati mill-ġdid bl-użu tad-definizzjonijiet il-ġodda sabiex jintwera l-impatt ta' dawn il-bidliet.

Tabella 3: Tqabbil tar-riżultati ewlenin: Studju 2016 vs. 2019

Kontribut tal-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR	Studju tal-2016 (oriġinali)	Studju tal-2016 (kalkoli ta' kontijiet nazzjonali ġodda, industriji ġodda li jagħmlu użu intensiv mill-IPR)	Studju tal-2019 (kalkoli tal-kontijiet nazzjonali ġodda, industriji ġodda li jagħmlu użu intensiv mill-IPR)
Impjieg (dirett)	27.8 %	28.6 %	29.2 %
PDG	42.3 %	44.0 %	44.8 %
Kummerċ totali fil-merkanzija	89.3 %	88.8 %	92.5 %
Kummerċ totali fi prodotti u servizzi	<i>mhux ikkalkolati</i>	78.1 %	81.0 %

L-ewwel kolonna fiha r-riżultati rrapportati fl-istudju tal-2016 għall-perjodu tal-2011-2013. It-tieni kolonna tikkalkula mill-ġdid ir-riżultati tal-2016 għall-istess perjodu filwaqt li jitqiesu l-kalkoli tal-kontabilità nazzjonali l-ġodda u l-lista l-ġodda ta' industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR. It-tielet kolonna turi r-riżultati tal-istudju preżenti (għall-perjodu tal-2014-2016) u għalhekk hija komparabbli direttament mat-tieni kolonna.

Għalhekk, anke wara li jitqiesu l-effetti tar-reviżjonijiet statistiċi, il-kontribuzzjoni tal-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR żdiedet bejn iż-żewġ perjodi 2011-2013 (studju tal-2016) u 2014-2016 (studju tal-2019).

Hemm ukoll indikazzjonijiet li matul il-kundizzjonijiet ekonomiċi diffiċli li pprevalew fl-2014-2016, l-impjegi f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR inżammu ferm aħjar mill-impjegi b'mod ġenerali. L-impjegi totali fl-UE naqsu f'tit minn 215.8 miljun fl-2011-2013 għal 215.5 miljun fl-2014-2016, tnaqqis ta' 0.1 %, filwaqt li l-impjegi fit-353 industrija li jagħmlu użu intensiv mill-IPR żdiedu minn 61.7 miljun għal 63 miljun (+1 %).

Peress li 44.8 % tal-PDG (valur miżjud) fl-ekonomija u 29.2 % tal-impjegi huma ġġenerati f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR, il-valur miżjud *għal kull impjegat* huwa ogħla f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR milli fil-bqija tal-ekonomija. It-teorija ekonomika tissuġġerixxi li, meta kull ħaġa oħra tkun l-istess, l-industriji li fihom il-ħaddiem medju jipproduċi aktar valur miżjud jistgħu jkunu mistennija li jħallsu lill-ħaddiema tagħhom pagi ogħla minn industriji oħrajn. Huwa għalhekk interessanti li jiġi eżaminat jekk dan il-valur miżjud ogħla huwix rifless fil-pagi fl-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR.

Kif muri fit-Tabella 4, il-pagi f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR huma fil-fatt ogħla minn dawk f'industriji li ma jagħmlux użu intensiv mill-IPR. Il-paga medja ta' kull ġimgħa f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR hija EUR 801, meta mqabbla ma' EUR 544 f'industriji li ma jagħmlux użu intensiv mill-IPR – differenza ta' 47 %. Il-“primjum tal-paga” huwa 29 % f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-GI, 40 % f'industriji li jagħmlu użu intensiv mid-disinni, 48 % f'industriji li jagħmlu użu intensiv mit-trademarks, 59 % f'industriji li jagħmlu użu intensiv mid-drittijiet tal-awtur u 72 % f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-privattivi.

Tabella 4: Spiża medja fuq il-persunal f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR, 2016

Industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR	Spejjeż medji tal-persunal (EUR fil-ġimgħa)	Primjum (meta mqabbla ma' industriji li ma jagħmlux użu intensiv mill-IPR)
Użu intensiv mit-trademarks	805	48 %
Użu intensiv mid-disinni	761	40 %
Użu intensiv mill-privattivi	934	72 %
Użu intensiv mid-drittijiet tal-awtur	867	59 %
Użu intensiv mill-GI	705	29 %
Użu intensiv mill-PVR*	n/a	n/a
L-industriji kollha li jagħmlu użu intensiv mill-IPR	801	47 %
L-industriji li ma jagħmlux użu intensiv mill-IPR	544	
L-industriji kollha (inklużi fl-SBS**)	654	

*Mhux ikkalkolata minħabba n-nuqqas ta' statistika dwar il-paga għall-agrikoltura.

** Statistika tan-Negozju Strutturali ppubblikata mill-Eurostat.

Meta mqabbel mas-sitwazzjoni fl-2013 (ikkalkulat mill-ġdid bl-użu tas-sett il-ġdid ta' industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR), il-primjum tal-pagi żdied bi f'tit minn 45 % għal 47 %, li jirrifletti żidiet partikolarment qawwija fil-primjums tal-pagi għall-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-privattivi u dawk li jagħmlu użu intensiv mid-disinni.

Huwa eżaminat ukoll ir-rwol li jaqdu l-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR fil-kummerċ estern tal-UE. Fir-rapport tal-2016, ġie rappurtat biss il-kummerċ tal-oġġetti. Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-Eurostat beda jipprovdi *data* dwar il-kummerċ fis-servizzi wkoll, għalhekk fir-rapport preżenti ż-żewġ tipi ta' kummerċ huma ttrattati separatament. Il-maġġoranza l-kbira tal-kummerċ tal-UE huwa

f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR. Jista' jitqies pjuttost sorprendenti mal-ewwel daqqa t'għajn li sehem għoli bħal dan ta' kummerċ jagħmel użu intensiv mill-IPR. Dan għaliex anke xi industriji li jipproduċu komoditajiet bħall-enerġija jagħmlu użu intensiv mill-IPR,¹² filwaqt li min-naħa l-oħra, ħafna attivitajiet li ma jagħmlux użu intensiv mill-IPR huma wkoll mhux negozjabbli.¹³ Għal din ir-raġuni, 89 % tal-importazzjonijiet tal-oġġetti tal-UE jikkonsistu fi prodotti ta' industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR. Madankollu, industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR huma saħansitra responsabbli għal sehem mill-esportazzjonijiet ta' oġġetti tal-UE ogħla - 96 %. Fil-każ tal-kummerċ fis-servizzi, is-sehem tal-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR huwa aktar baxx, bl-importazzjonijiet li jammontaw għal 57.4 % tal-importazzjonijiet totali tas-servizzi, u l-esportazzjonijiet li jammontaw għal 53.7 % tal-esportazzjonijiet tas-servizzi totali. Meta jitqiesu kemm il-kummerċ tal-oġġetti kif ukoll tas-servizzi, fl-2016 80 % tal-importazzjonijiet tal-UE u 82 % tal-esportazzjonijiet tal-UE ġew iġġenerati minn industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR.

Fl-2016, l-UE kollha kemm hi kellha surplus kummerċjali ġenerali ta' madwar EUR 166 biljun, jew 1.1 % tal-PDG. Is-surplus kummerċjali f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR kien saħansitra akbar, EUR 182 biljun, u b'hekk ħoloq bilanċ kontra d-defiċit żgħir f'kummerċ li ma jagħmilx użu intensiv mill-IPR.

It-Tabella 5 tiġbor fil-qosor il-volumi tal-kummerċ f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR, abbażi ta' data mill-2016.¹⁴

Tabella 5: Kummerċ estern tal-UE f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR, 2016

Industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR	Esportazzjonijiet (EUR miljun)	Importazzjonijiet (EUR miljun)	Esportazzjonijiet netti (EUR miljun)
Użu intensiv mit-trademarks	1 613 366	1 600 703	12 663
Użu intensiv mid-disinni	1 261 774	1 194 885	66 889
Użu intensiv mill-privattivi	1 438 117	1 307 850	130 267
Użu intensiv mid-drittijiet tal-awtur	294 856	202 738	92 119
Użu intensiv mill-GI*	12 490	1 360	11 130
Użu intensiv mill-PVR*	7 552	3 885	3 667
Użu intensiv mill-IPR Total	2 122 465	1 940 510	181 955
KUMMERĊ TOTALI TAL-UE	2 590 889	2 425 202	165 687

Nota: Minħabba l-użu li jikkoinċidi tad-drittijiet tal-IP, it-total taċ-ċifri għall-IPRs individwali jaqbeż iċ-ċifra totali tal-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR.

*Oġġetti biss.

Industriji li jagħmlu użu intensiv mill-privattivi għandhom l-ogħla surplus kummerċjali, segwiti minn setturi li jagħmlu użu intensiv mid-drittijiet tal-awtur u mid-disinn.

Ħarsa aktar mill-qrib lejn l-attività ta' industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR fis-Suq Uniku tal-UE tikxef tqassim tax-xogħol bejn l-UE u l-Istati Membri. Pajjiżi bħall-Awstrija, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Lussemburgu, Malta u l-Iżvezja huma ogħla mill-medja tal-UE f'termini tal-ħolqien tal-IPR għal kull impjegat. Industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR fi Stati Membri tal-UE oħrajn, bħar-Rumanija, is-Slovakkja, l-Ungerija u r-Repubblika Ċeka, għandhom l-ogħla proporzjon ta' impjegati li

¹² Il-klassi NACE 0610 (*Estrazzjoni ta' żejt mhux maħdum*) hija intensiva fl-użu tal-privattivi.

¹³ Pereżempju, industriji ta' servizz bħal dawk inklużi fid-diviżjonijiet tan-NACE 86 (*Attivitajiet tas-saħħa tal-bniedem*) jew 96 (*Attivitajiet tas-servizz personali oħrajn*). Servizzi bħal dawn jiġu ġeneralment ikkunsmati fil-punt tal-produzzjoni.

¹⁴ Bħal fil-kalkoli tal-impjegati u tal-PDG, iċ-ċifri għad-drittijiet tal-IP individwali ma jammontawx għaċ-ċifra ġenerali għall-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR minħabba l-fatt li ħafna industriji jagħmlu użu intensiv f'aktar minn dritt wieħed tal-IP. Madankollu, il-metodoloġija tal-istudju tiżgura li m'hemm l-ebda għadd doppju tal-kontribuzzjonijiet tal-industrija.

huma attribwiti għal kumpaniji bbażati f'pajjiżi oħrajn. Kif muri fit-Tabella 6, b'mod ġenerali, 22.7 % tal-impjegi tal-UE f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR huma ġġenerati f'sussidjarji ta' kumpaniji barranin, li l-maġġoranza tagħhom joriġinaw minn Stat Membru ieħor tal-UE. Fl-Estonja, fin-Netherlands, fil-Gran Brittanja u fl-Irlanda biss, il-kumpaniji mhux tal-UE joħolqu aktar impjegi minn kumpaniji minn Stati Membri tal-UE oħrajn.

Tabella 6: Sehem ta' impjegi f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR attribwit għal kumpaniji barranin 2014-2016, medja tal-UE

Industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR	Sehem tal-UE	Sehem mhux tal-UE	Sehem mhux domestiku totali
Użu intensiv mit-trademarks	11.5 %	9.2 %	20.6 %
Użu intensiv mid-disinni	13.0 %	9.8 %	22.8 %
Użu intensiv mill-privattivi	14.5 %	12.0 %	26.5 %
L-użu kollu intensiv mill-IPR	12.9 %	9.8 %	22.7 %

Nota: Kumpaniji "barranin" huma kumpaniji li l-kwartieri ġenerali tagħhom jinsabu f'pajjiż ieħor.

Fl-aħħar nett, id-*data* dwar il-privattivi tintuża biex jiġu identifikati industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR li huma attivi f'teknoloġiji ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (CCMTs) immirati lejn it-tnaqqis jew il-prevenzjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra¹⁵, u t-teknoloġiji tar-Raba' Rivoluzzjoni Industrijali (4IR), li t-tnejn huma mifruxa f'ħafna setturi u ta' importanza partikolari għall-ekonomija tal-UE. B'mod ġenerali, 9.4 % tal-privattivi Ewropej totali meqjusa fl-2010-2014 kienu relatati mas-CCMTs, filwaqt li 1.9 % kienu relatati mat-teknoloġiji 4IR.

Il-25 industriji intensivi fl-użu ta' CCMT huma ta' interess partikolari, peress li s-CCMTs se jkollhom rwol importanti fil-kisba tal-miri stipulati fil-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima, u l-kumpaniji Ewropej huma fost il-mexxejja dinjija f'ħafna minn dawk it-teknoloġiji. Dawn is-setturi jirrappreżentaw 2.5 % tal-impjegi u 4.7 % tal-produzzjoni ekonomika fl-UE, u raw iż-żieda fil-kontribuzzjoni tagħhom mill-perjodu 2011-2013. L-impjegati f'dawk l-industriji jirċievu wkoll remunerazzjoni ferm ogħla minn dawk f'industriji oħrajn. Bi 93.3 % meta mqabbla ma' industriji intensivi li ma jagħmlux użu mill-IPR, il-"primjum tal-pagi" fl-industriji CCMT huwa kważi d-doppju ta' dak tal-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR b'mod ġenerali (47 %).

Xprunata mill-ħolqien tal-Internet tal-Oġġetti, il-4IR tinkludi għadd ta' teknoloġiji oħrajn, bħall-cloud computing u l-intelliġenza artifiċjali (IA). Is-16-il industrija li jagħmlu użu intensiv mill-4IR (ikkonċentrati f'setturi tal-manifattura avvanzati) jammontaw għal 1.9 % tal-impjegi tal-UE u 3.9 % tal-PDG tal-UE, u raw ukoll iż-żieda fil-kontribuzzjoni tagħhom mill-perjodu 2011-2013. Il-primjum tal-pagi fl-industriji 4IR huwa saħansitra ogħla minn dak tal-industriji CCMT, b'104.3 % (meta mqabbel mal-industriji li ma jagħmlux użu intensiv mill-IPR).

Dawn iċ-ċifri huma subsett tal-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-privattivi u b'hekk huma diġà inklużi fiċ-ċifri ġenerali fit-Tabelli 1-5.

¹⁵ L-identifikazzjoni tas-CCMT hija bbażata fuq l-iskema ta' tikkettar tal-UEP Y02/Y04S, li hija parti mill-Klassifikazzjoni Kooperattiva tal-Privattivi (CPC). Hija tkopri teknoloġiji magħżula li jikkontrollaw, inaqqsu jew jipprevjenu l-emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet b'effett ta' serra [GHG] fi ħdan il-qafas tal-Protokoll ta' Kjoto u l-Ftehim ta' Pariġi. Pereżempju, din tinkludi teknoloġiji li jgħinu fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra relatati mal-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni jew id-distribuzzjoni tal-enerġija u t-teknoloġiji li jippermettu l-qbid, il-ħżin, is-sekwestru jew ir-rimi tal-gassijiet b'effett ta' serra, kif ukoll it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni li għandhom l-għan li jnaqqsu l-użu tal-enerġija tagħhom stess.

Industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR fl-ekonomiji tal-Iżlanda, in-Norveġja u l-Iżvizzera

Minbarra t-28 Stat Membru tal-UE, l-istudju jinkludi wkoll riżultati bażiċi għall-pajjiżi tal-EFTA, l-Iżlanda, in-Norveġja u l-Iżvizzera.¹⁶ Il-kontribuzzjoni għall-impjegi u għall-PDG tal-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR f'dawk il-pajjiżi hija murija fit-Tabella 7 hawn taft. Il-medja tal-UE hija inkluża għal skopijiet ta' referenza.

Tabella 7: Kontribut ta' industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR għall-impjegi u l-PDG fil-pajjiżi EFTA, medja tal-2014-2016

Industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR	Impjieg (dirett)	Sehem mill-impjieg totali (dirett)	PDG (EUR miljun)	Sehem tal-PDG
Użu intensiv mit-trademarks				
IS	40 029	23.0 %	5 267	33.1 %
NO	477 143	18.8 %	150 312	42.5 %
CH	1 023 493	23.4 %	200 892	34.4 %
Użu intensiv mid-disinni				
IS	14 542	8.3 %	1 060	6.7 %
NO	256 256	10.1 %	83 443	23.6 %
CH	657 143	15.0 %	114 456	19.6 %
Użu intensiv mill-privattivi				
IS	11 561	6.6 %	1 499	9.4 %
NO	284 366	11.2 %	100 543	28.4 %
CH	583 563	13.5 %	123 513	21.1 %
Użu intensiv mid-drittijiet tal-awtur				
IS	13 547	7.8 %	1 017	6.4 %
NO	146 977	5.8 %	18 210	5.1 %
CH	252 252	5.8 %	37 902	6.5 %
L-użu kollu intensiv mill-IPR				
IS	50 939	29.2 %	6 294	39.6%
NO	669 540	26.3 %	173 460	49.1 %
CH	1 341 482	30.7 %	241 518	41.3 %
L-użu kollu intensiv mill-IPR (UE)	62 962 766	29.2 %	6 551 768	44.8 %

Nota: Minħabba l-użu li jikkoinċidi tad-drittijiet tal-IP, it-total ta' ċifri għall-IPRs individwali jaqbeż iċ-ċifra totali tal-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR.

In-Norveġja għandha kontribuzzjoni oġġla mill-medja tal-UE għall-PDG tagħha minn industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR, filwaqt li l-Iżvizzera tinsab oġġla mill-medja tal-UE f'dak li għandu x'jaqsam mal-kontribut ta' dawk l-industriji għall-impjegi.

¹⁶ Fil-kalkolu tal-kontribuzzjoni tal-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR f'dawk il-pajjiżi, kien preżunt li l-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR fl-EU-28 jagħmlu wkoll użu intensiv mill-IPR f'dawn it-tliet pajjiżi. Barra minn hekk, minħabba nuqqas ta' kopertura tad-*data*, ma kienx possibbli li tiġi kkalkulata l-kontribuzzjoni ta' industriji li jagħmlu użu intensiv mill-GI u mill-PVR għal dawn it-tliet pajjiżi.

Metodoloġija u data

Il-metodoloġija bażika ta' dan l-istudju hija l-istess bħal dik użata fl-istudji preċedenti. Madankollu, biex dan ir-rapport isir awtoinkorporat, parti kbira minnu, b'mod speċifiku l-Kapitolu 5 u l-Appendiċi 11, hija devota għad-dokumentazzjoni ta' din il-metodoloġija. Hemm żewġ raġunijiet prinċipali għal dan:

- (1) Minħabba l-kumplessità tal-indirizzar ta' ammont kbir ta' *data* minn 28 Stat Membru, li tinsab f'diversi bażijiet ta' *data* kbar, kienet meħtieġa metodoloġija ta' tqabbil tad-*data* ġdida u sofistykata;
- (2) Fl-interess tat-trasparenza, kien importanti li tiġi pprovduta deskrizzjoni kemm jista' jkun tajba tal-metodoloġija.

Karatteristika oħra distintiva ta' dan l-istudju hija l-varjetà wiesgħa tal-bażijiet tad-*data* u sorsi oħrajn tad-*data* użati biex jiġi ddeterminat liema industriji jagħmlu użu intensiv mill-IPR u biex jiġi vvalutat il-kontribut ta' dawn l-industriji għall-impjeggi, il-PDG u indikaturi ekonomiċi oħrajn. Fil-Kapitolu 5 hemm lista sħiħa.

Barra minn hekk, fejn meħtieġ, intużat *data* ta' pajjiż terz speċifika għall-industrija, b'mod partikolari f'konnessjoni mal-istima tal-kummerċ fi prodotti tal-GI.

Sabiex jiġi ddeterminat liema industriji jagħmlu użu intensiv mill-IPR, il-bażijiet tad-*data* tar-reġistru tal-EUIPO, l-UEP u s-CPVO tqabblu mal-bażi tad-*data* kummerċjali ORBIS.¹⁷ Il-bażi tad-*data* mqabbla li tirriżulta fiha *data* fuq bejn wieħed u ieħor 345 000 kumpanija, inkluż in-numru ta' trademarks tal-UE, disinni tal-Komunità rreġistrati, privati u CPVRs li jiġu applikati minn kull kumpanija u jingħataw sussegwement, flimkien mal-klassifikazzjoni tal-industrija u diversi varjabbli finanzjarji u ekonomiċi għal kull waħda, li jipprovdut sett ta' *data* li jista' jintuża fi studji futuri u aktar dettaljati.

Bl-użu ta' din il-bażi tad-*data*, in-numru ta' trademarks, disinni, privati u PVRs għal kull impjegat ġie kkalkulat għal kull industrija, u l-industriji li kienu oġġa mill-medja skont din il-miżura tqiesu li jagħmlu użu intensiv mill-IPR. Dan il-kalkolu twettaq fil-livell tal-UE, mingħajr ma tqiesu l-preżentazzjonijiet nazzjonali mill-kumpaniji fil-bażi tad-*data*. Dan l-approċċ, magħmul parzjalment neċessarju mil-limitazzjonijiet tad-*data*, huwa madankollu ġġustifikat mis-suppożizzjoni li industrija li hija definita bħala waħda li tagħmel użu intensiv mill-IPR abbażi tar-reġistrazzjoni tagħha tad-drittijiet tal-IP fil-livell tal-UE se titqies ukoll bħala waħda li tagħmel użu intensiv mill-IPR jekk id-drittijiet nazzjonali tal-IP għal kull impjegat ikunu ġew inklużi wkoll.

Il-metodoloġija ta' tqabbil kienet imtejba u awtomatizzata għal dan l-istudju, u ntużat *data* ġdida mill-ORBIS. Barra minn hekk, il-metodu biex jiġu identifikati industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR ġie modifikat, u dan irriżulta fl-identifikazzjoni ta' tliet setturi addizzjonali bħal dawn. B'riżultat ta' dan, ġew identifikati 353 industrija li jagħmlu użu intensiv mill-IPR, meta mqabbla mat-342 fl-istudju preċedenti. Għal drittijiet tal-awtur u GIs, l-istess industriji tqiesu intensivi bħal fl-istudju preċedenti.

Suppożizzjoni fundamentali wara l-metodoloġija hija kemm l-industrija li tagħmel użu intensiv mill-IPR hija karatteristika intrinsika ta' dik l-industrija, irrISPettivament minn fejn tinsab.¹⁸ Fil-valutazzjoni tal-kontribut ta' kull industrija għall-ekonomija, dak li jkun qed jitkejjel huwa l-impjeggi u l-PDG iġġenerati minn dik l-industrija f'kull Stat Membru u fl-UE, u mhux l-oriġini tal-IPR sottostanti.

¹⁷ ORBIS hija bażi tad-*data* ta' informazzjoni finanzjarja dwar kumpaniji Ewropej, ipprovduta minn Bureau van Dijk u bbażata fuq *data* miksuba minn preżentazzjonijiet tal-kumpaniji f'reġistri tal-kumpanija jew rekords simili fid-diversi pajjiżi. Din tinkludi *data* fuq il-kumpaniji kollha, kemm jekk ikunu elenkati f'borża kif ukoll jekk ma jkunux (b'din tal-añħar kif normalment ikun il-każ għall-SMEs).

¹⁸ L-eċċezzjoni hija l-GI, li tiġi analizzata fuq bażi ta' pajjiż b'pajjiż.

Pereżempju, jekk kumpanija tal-karozzi bbażata f'pajjiż A tibni impjant tal-assemblaġġ f'pajjiż B, l-impjegji u l-valur miżjud li jinħolqu b'riżultat ta' dan jidiedu mal-ekonomija ta' pajjiż B. Għalhekk, ma tista' tinstilet l-ebda konklużjoni dwar kemm pajjiż partikolari huwa innovattiv fuq il-bażi tal-kontribuzzjonijiet fil-livell tal-pajjiż ta' industriji li jagħtu inċentiv għall-IPR biss. Fl-eżempju t'hawn fuq, l-ogħla kontribuzzjoni ta' industriji li jagħmlu użu intensiv mill-privattivi f'pajjiż B hija r-riżultat ta' deċiżjonijiet dwar fejn għandha tiġi allokata l-produzzjoni tal-vetturi, iżda l-R&Ż bażi setgħu twettqu f'pajjiż A jew tabilħaqq f'pajjiż ieħor għalkollox.

Biex jinxteħet ftit dawl fuq din il-kwistjoni, il-Kapitolu 8 juri f'liema pajjiżi joriġinaw il-privattivi, it-trademarks, id-disinni u l-PVRs fil-bażi tad-*data* użata għal dan l-istudju u jippreżenta statistika dwar il-proporzjon tal-impjegji f'industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR f'kull Stat Membru li jinħolqu f'kumpaniji bbażati fi Stati Membri oħrajn jew barra mill-UE.

Ippubblikat u editjat mill-UJEP u I-EUIPO
Munich, il-Ġermanja u Alicante, Spanja

www.epo.org

www.euipo.europa.eu

Tfassil: EPO Graphic Design, Munich

Ir-rapport komplut jista' jitniżżel minn:

www.epo.org/ipr-intensive-industries

www.euipo.europa.eu/ipcontribution

